

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2353**tal-14 ta' Diċembru 2017****li tawtorizza t-tqegħid fis-suq taż-żejt minn *Calanus finmarchicus* bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***(notifikata bid-dokument C(2017) 8426)***(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Jannar 2011, il-kumpanija Norveġiża *Calanus AS* għamlet talba lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit biex tqiegħed iż-żejt mill-krustaċju (zooplankton tal-baħar) *Calanus finmarchicus* li jinġabar miż-Żona Ekonomika tan-Norveġja jew miż-żona tas-sajd ta' Jan Mayen fis-suq tal-Unjoni bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont it-tifsira tal-punt (e) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.
- (2) Fil-21 ta' Ottubru 2016, l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit ħarġet ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali tagħha. F'dak ir-rapport, l-awtorità kkonkludiet li iż-żejt mill-*Calanus finmarchicus* jissodisfa l-kriterji għal ikel ġdid stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.
- (3) Fit-8 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni għaddiet ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali lill-Istati Membri l-oħra.
- (4) Tqajmu oġġezzjonijiet motivati minn Stati Membri oħra fi żmien il-perjodu ta' 60 jum stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, b'mod partikolari dwar in-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-proċess tal-produzzjoni, l-istabbiltà tal-ħżin u d-dejta tossikoloġika. L-ispejgazzjonijiet addizzjonali pprovduti min-naħa tal-applikant taffew dak it-tħassib u dan kien ta' sodisfazzjon għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni.
- (5) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ tistabbilixxi rekwiżiti dwar is-supplimenti tal-ikel. Jenħtieġ li l-użu taż-żejt minn *Calanus finmarchicus* jiġi awtorizzat mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/46/KE, iż-żejt minn *Calanus finmarchicus* kif speċifikat fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni jista' jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni bħala ingredjent tal-ikel ġdid biex jintuża fis-supplimenti tal-ikel fil-livelli massimi stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-isem taż-żejt minn *Calanus finmarchicus* awtorizzat b'din id-Deċiżjoni dwar it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel għandu jkun "żejt minn *Calanus finmarchicus* (krustaċju)".

⁽¹⁾ ĠUL 43, 14.2.1997, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Calanus AS, Stakkevollv. 65, P.O. Box 2489, 9272 Tromsø, in-Norveġja.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAŻ-ŻEJT MINN *CALANUS FINMARCHICUS*

Deskrizzjoni: L-ikel il-ġdid huwa żejt kulur ir-rubini (aħmar skur), kemxejn viskuż b'riħa ħafifa tal-frott tal-baħar estratt mill-krustaċċju (zooplankton tal-baħar) *Calanus finmarchicus*. Dan l-ingredjent jikkonsisti primarjament minn esteri tax-xama' (> 85 %) b'ammonti żgħar ta' trigliċeridi u lipidi newtrali oħra.

Speċifikazzjonijiet

Parametru	Valuri tal-ispeċifikazzjonijiet
Ilma	< 1 %
Esteri tax-xama'	> 85 %
Aċidi xaħmin totali	> 46 %
Aċidu ejkosapentenojku (EPA)	> 3 %
Aċidu dokosaēzaenojku (DHA)	> 4 %
Alkoħol xaħmi totali	> 28 %
C20:1 n-9 alkoħol xaħmi	> 9 %
C22:1 n-11 alkoħol xaħmi	> 12 %
Aċidi xaħmin trans	< 1 %
Esteri tal-astaksantin	< 0,1 %
Valur tal-perossidu	< 3 meq. O ₂ /kg

ANNEX II

UŻI AWTORIZZATI TAŻ-ŻEJT MINN CALANUS FINMARCHICUS

Kategorija tal-ikel	Livell massimu
Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE	2,3 g/kuljum